MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 1058/2010

**Costantino Muscat f`ismu proprju u bhala prokuratur ta` l-assenti Joseph Muscat ; Catherine mart Publius Farrugia ID190953M ; Peter Camilleri ID570355M, Ruth mart Brian John Agius ID519976M ; Janelle Camilleri ID53284M ; Giovanna Mizzi ; Mose` Muscat ; Mary Anne Muscat ID405153M bhala eredi ta` zewgha Rosario Muscat ; Carmel Muscat, Emanuel Muscat, Costantina sive Connie Cassar ; Maria Carmela Muscat ; Peter Muscat ; Marguerite Vella f`isimha proprju u bhala prokuratrici ta` l-assenti Carmen Zerafa, Jose Muscat, Angela Mallia, Rose Buhagiar li b`nota tal-11 ta` Ottubru 2011 cediet l-atti tal-kawza, Carmel Muscat, Teresa Muscat li b`nota tal-11 ta` Ottubru 2011 cediet l-atti tal-kawza, Grace Saliba f`isimha proprju u bhala prokuratrici ta` l-assenti Concetta sive Connie Carr li b`nota tal-11 ta` Ottubru 2011 cediet l-atti tal-kawza ; John Muscat, Frances Bianchi, Carmen Muscat, Antonia Muscat, Catherine Muscat, Joseph Muscat, Josephine Schembri,**

**Emanuela Schembri u Rita Theuma ; Publius Farrugia, Mario Farrugia u Joseph Farrugia**

***kontra***

**Nazzareno sive Reno Muscat bil-karta ta` l-identita` numru 93658M u Anna Muscat bil-karta ta` l-identita` numru 289657M, u b`digriet tal-1 ta` Dicembru 2011 gew kjamati in kawza Maria Concetta sive` Cettina Carr, Mary Rose sive` Rose Buhagiar u Therese Muscat**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-19 ta` Ottubru 2010 li jaqra hekk –

*1. Premess illi l-intimati huma l-unici werrieta ta` Emanuel u Victor ahwa Muscat li mietu fit-22 ta` Dicembru 1992 [Dok. NM1] u 28 ta` Ottubru 1994 [Dok. NM6] rispettivament, ulied ta` John u Angela mizzewgin Muscat ;*

*2. Premess illi l-wirt ta` Emanuel Muscat huwa regolat minn testment datat 9 ta` Dicembru 1992 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Remigio Zammit Pace [Dok. NM2] filwaqt li l-wirt ta` Victor Muscat huwa regolat minn testment datat 9 ta` Dicembru 1992 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Remigio Zammit Pace [Dok. NM7] ;*

*3. Premess illi l-intimat Nazzareno Muscat huwa wkoll wiehed mill-werrieta ta` missieru Francis Muscat li*

*miet fis-27 ta` April 1991 [Dok. NM15], iben ta` John u Angela mizzewgin Muscat;*

*4. Premess illi Angela Muscat mietet fis-17 ta` Marzu 1974 [Dok. NM18] filwaqt li zewgha John Muscat miet fil-11 ta` Awissu 1961 [Dok. NM21] u kellhom tmint itfal, fosthom Emanuel, Victor u Francis ahwa Muscat ;*

*5. Premess illi l-kontendenti ghandhom kollha sehem mill-wirt ta` John u Angela mizzewgin Muscat li l-wirt taghhom huwa regolat minn testment datat 17 ta` Jannar 1957 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Nicola Said [Dok. NM24] ;*

*6. Premess illi John u Angela mizzewgin Muscat kienu wkoll in forza ta` l-imsemmmi testment hallew prelegat favur uliedhom Emanuel, Victor u Giuseppa ahwa Muscat ir-razzett b`gardina mieghu li jinsab fil-limiti taz-Zurrieq fit-triq tal-Macina kontrada tan-Nigret hekk ukoll imsejjah ta` Zitellu ;*

*7. Premess illi l-wirt ta` John u Angela mizzewgin Muscat qatt ma nqasam u r-rikorrenti jridu li ssir il-qasma ta` dak kollu li hemm in komun inkluz ir-razzett u gardina li kienet thalliet bi prelegat lil Emanuel, Victor u Giuseppa ahwa Muscat ;*

*8. Premess illi l-intimati debitament interpellati sabiex jersqu ghall-qasma naqsu u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri ;*

*Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi :-*

*1. Tillikwida l-assi konjugali ta` John u Angela mizzewgin Muscat.*

*2. Tordna d-divizjoni tal-assi f`zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-assi partikolari ta` John Muscat u l-ohra lill-assi partikolari ta` Angela Muscat.*

*3. Tillikwida l-assi partikolari ta` John Muscat u tiddikjaraha li tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata u f`dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza.*

*4. Tillikwida l-assi partikolari ta` Angela Muscat u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata u f`dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza.*

*5. Tiddividi l-gid bejn il-kontendenti skond il-kwota li kull wiehed mill-partijiet jigi ddikjarat li ghandu dritt ghaliha.*

*6. Tiddividi r-razzett b`gardina mieghu li jinsab fil-limiti taz-Zurrieq fit-triq tal-Macina kontrada Tan-Nigret hekk ukoll imsejjah ta` Zitellu, bejn l-intimati bhala werrieta ta` Emanuel u Victor ahwa Muscat, u r-rikorrenti bhala l-werrieta ta` Giuseppa Muscat u l-werrieta wkoll ta` Francis Muscat, minn liema wirt l-intimat ghandu sehem ukoll.*

*7. Tinnomina, jekk ikun hemm bzonn, perit tekniku ghal finijiet ta` likwidazzjoni u thejjija ta` pjan ta` divizjoni.*

*8. Tinnomina nutar sabiex jircievi u jippubblika l-att opportun u kuratur ghall-eventwali kontumaci.*

*9. Tordna l-bejgh b`licitazzjoni ta` dak kollu li m`huwiex kommodament divizibbli, bl-ammissjoni ta` oblaturi estraneji.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Nazzareno u Anna mizzewgin Muscat prezentata fid-19 ta` Novembru 2010 li taqra hekk –

*1. Preliminarjament, illi mhux minnu li Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr taw l-inkarigu lil Costantino Muscat jew lil Joseph Muscat jew lil xi avukat biex jinghatu ittra ufficjali bhal dik tal-21 ta` Ottubru 2010 jew biex jifthu l-kawza kontra l-esponent Nazzareno Muscat – u dan kif jirrizulta mill-annessi tliet (3) dikjarazzjonijiet maghmula mill-imsemmija Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr. Ghalhekk, dina l-kawza saret abbuzivament u llegalment.*

*2. Preliminarjament, illi l-azzjoni ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta` l-assi ereditarji ta` John u Angela mizzewgin Muscat li mietu fl-1961 u 1974 rispettivament tinsab preskritta bit-trapass ta` sitta u tletin sena (36), bil-preskrizzjoni ta` ghaxar (10) snin ai termini ta` l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta). Fl-1974 l-attur Costantino Muscat kien gie nkarigat miz-zijiet biex jiehu hsieb is-successjoni tal-genituri taghhom, cioe` ta` l-imsemmija John u Angela mizzewgin Muscat u kif ukoll ta` binthom prelegatarja Giuseppa Muscat li wkoll mietet fis-sena 1974 bhal ommha Angela, ghalhekk ghaddew 36 sena.*

*3. Prelminarjament u minghajr pregudizzju, illi l-gudizzju mhux integru ghaliex thallew barra diversi persuni :*

*a) l-attur Peter Muscat huwa mejjet;*
*b) l-attur Rosario Muscat huwa mejjet;*
*c) l-atturi Publius Farrugia, Mario Farrugia u Joseph Farrugia kellhom huhom iehor li miet, Mikelangelo Farrugia ;*
*d) l-attrici "Catherine mart Publius Farrugia" hija persuna barranija li ghandu relazzjoni maghha l-istess Publius Farrugia.*

*4. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, peress li l-kawza odjerna hija ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta` eredita` u l-atturi qeghdin jippretendu li huma ko-proprjetarji 'pro indiviso' tal-assi ereditarji, din tolqot intimament l-interessi tal-werrieta ossia ko-proprjetarji kollha tal-assi ereditarji, u ghalhekk ikun mehtieg li jippartecipaw fil-proceduri dawk kollha li ghandhom sehem mill-imsemmija eredita`, altrimenti kull sentenza ta` dina l-Onorabbli Qorti tkun monka, in kwantu uhud minn dawk li ghandhom sehem u li thallew barra mill-proceduri jigu, b`dawn l-omissjonijiet, iddikjarati li m`ghandhomx sehem jew interess fl-imsemmija eredita`, u dan skond provvediment moghti fil-11 ta` Marzu 1998 fil-kawza numru 592/1996 fl-istess ismijiet.*

*5. Illi z-zijiet li kienu ghadhom hajjin wara l-mewt tat-tliet prelegatarji Giuseppa, Vittoria u Emmanuele, u cioe` Carmelo, Francesco, Salvatore, Pietro, Salvina mart Carmelo Farrugia lkoll ahwa Muscat, hadd minnhom ma kkontesta l-fatt li r-razzett ghadda bl-akkrexximent u mbaghad bil-volonta` espressa ta` Vittorio u Emmanuele ahwa Muscat, fuq l-esponenti Nazzareno u Anna mizzewgin Muscat.*

*6. Illi ghalhekk l-azzjoni ma tistax titmexxa 'l quddiem.*

*7. Fil-meritu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jisthoqqilhom jigu michuda bl-ispejjez kontra dawk l-atturi li huma responsabbli li mexxew din il-kawza.*

*8. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti ghall-fini tar-risposta guramentata..

Rat <u>il-kontrotalba</u> tal-konvenuti li taqra hekk –

*1. Illi l-atturi pprezentaw dina l-kawza kontra l-esponenti.*

*2. Illi mhux minnu li Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr taw l-inkarigu lil Costantino Muscat jew lil Joseph Muscat jew lil xi avukat biex jibghatu ittra ufficjali bhal dik tal-21 ta` Ottubru 2010 jew biex jifthu kawza kontra l-esponent Nazzareno Muscat – u dan kif jirrizulta mill-annessi tliet (3) dikjarazzjonijiet maghmula mill-imsemmija Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr.*

*3. Illi Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr irrifjutaw li jkunu nvoluti f`dina l-kawza kontra l-esponenti Nazzareno u Anna konjugi Muscat u la accettaw li jhallsu u lanqas accettaw li jippartecipaw f`dina l-kawza. Ghalhekk, l-ebda wahda minn dawn it-tliet persuni ma tat il-kunsens taghha biex tkun fost l-atturi f`dina l-kawza.*

*4. Ghalhekk, dina l-kawza saret abbuzivament u llegalment ghad-dannu taghhom.*

*5. Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*(1) Tiddikjara lill-atturi kollha salvi Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr responsabbli ghad-danni kawzati lill-esponenti Nazzareno u Anna konjugi Muscat talli istitwew proceduri kontra taghhom b`mod abbuziv u llegali ghad-dannu taghhom.*

*(2) Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti u li qeghdin isofru l-esponenti konjugi Muscat.*

*(3) Tikkundanna lill-atturi jew min minnhom, hlief Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr biex ihallsu lill-esponenti in linea ta` danni l-ammont hekk likwidat.*

*(4) Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta` l-atturi ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti ghall-fini tal-kontrotalba.

Rat ir-risposta guramentata tal-atturi ghall-kontrotalba li kienet prezentata fid-9 ta` Dicembru 2010 u li taqra hekk –

*1. Preliminarjament, in-nullita` tat-talba rikonvenzjonali stante li l-konvenuti ri-konvenjenti ma ottemperawx ruhhom mal-artikolu 398(1) tal-Kap. 12, li jghid illi "l-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni,*

*<u>ghandu jaghmel il-kontro-talba tieghu fir-risposta bil-miktub</u> ghar-rikors guramentat".*

*2. Preliminarjament ukoll, in-nullita` tat-talba rikonvenzjonali stante li l-konvenuti rikonvenjenti ma ottemperawx ruhhom mal-artikolu 398(2) tal-Kap. 12, li jghid illi "l-konvenut ghandu, dwar il-kontro-talba jhares, kemm jista` jkun, ir-regoli stabbiliti b`dan il-Kodici jew b`xi ligi ohra ghall-att procedurali li bih il-procedimenti kienu l-ewwel inbdew". Tant hu hekk, li l-atturi ri-konvenuti ma rrealizzawx bit-talba ri-konvenzjonali u kien biss meta d-difensur taghhom ezamina l-atti fl-ahhar mumenti qabel skada t-terminu ghar-risposta, li skopra dan id-dokument.*

*3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kontro-talba hi wahda minn sensiela ta` proceduri frivoli u vessatorji ntavolati mill-konvenuti ri-konvenjenti biex jiddilungaw l-inevitabbli, u cioe` li ssir id-divizjoni mitluba mill-atturi. Diga` kellhom pluralita` ta` pronunzjamenti gudizzjarji f`dan is-sens. Illi hu ovvju li l-konvenuti ri-konvenjenti la sofrew u lanqas jistghu qatt jirreklamaw xi danni minghand l-atturi, u dana peress illi huma mhux biss ma sofrew l-ebda danni izda l-atturi ezercitaw jedd spettanti lilhom skond il-ligi, liema jedd huma ezarcitawh minghajr l-ebda vessatorjeta` u/jew mala fede. Ghalhekk ma huma passibbli ghal ebda danni. Jekk hemm xi hadd li hu passibbli ghad-danni, dawn huma l-konvenuti ri-konvenjenti li qeghdin b`mod persistenti jfixklu lill-atturi ri-konvenuti fit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom, u qeghdin frivolosament jirrifjutaw li jersqu ghad-divizjoni ta` din il-proprjeta`.*

*4. Illi l-kontro-talba hi ghalhekk minghajr ebda bazi legali, hi nfondata u guridikament insostenibbli, u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenuti ri-konvenjenti.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ri-konvenjenti u bl-ingunzjoni taghhom ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi ghall-fini tal-kontrotalba.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi (fol 149) fl-udjenza tal-4 ta` Marzu 2011 fejn kienet milqugha t-talba tal-konvenuti ghar-rikuza tieghu, u fejn tat ordni sabiex il-*kawza tigi assenjata lil gudikant iehor*.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Lino Farrugia Sacco (fol 154) moghti fl-udjenza tal-15 ta` April 2011 fejn kienet milqugha t-talba tal-konvenuti ghall-astensjoni tieghu, u fejn tat ordni sabiex l-atti jmorru lura ghand ir-Registratur sabiex l-atti jigu ri-assenjati.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti moghti fl-udjenza tas-17 ta` Mejju 2011 kif presjeduta (fol 163 u fol 164) fejn cahdet it-talba tal-konvenuti ghar-rikuza tal-imhallef sedenti.

Rat id-digriet l-iehor ta` din il-Qorti moghti fl-istess udjenza fejn tat direzzjoni lill-partijiet sabiex iressqu l-provi taghhom dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Semghet id-deposizzjoni tal-atturi Theresa Muscat, Mary Rose Buhagiar u Concetta sive` Cettina Carr fl-udjenza tal-10 ta` Ottubru 2011 u rat id-dokumenti li kienu esebiti waqt l-istess udjenza.

Rat it-tliet noti (fol 213 sa fol 215) li kienu prezentati fil-11 ta` Ottubru 2011 mill-atturi Rose Buhagiar, Concetta

sive` Cettina Carr u Teresa Muscat fejn cedew l-atti tal-kawza u rtiraw minnha.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-3 ta` Novembru 2011 (fol 219 u fol 220) fejn laqghet it-talba tal-konvenuti sabiex jiddeponu l-atturi Costantino Muscat u Joseph Muscat.

Semghet ix-xiehda tal-atturi Costantino Muscat u Joseph Muscat fl-istess udjenza.

Semghet fl-istess udjenza s-sottomissjonijiet bil-fomm tad-difensur tal-atturi dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-31 ta` Jannar 2012 dwar l-ewwel eccezzjoni bil-fakolta` li l-partijiet jiskambjaw noti ta` sottomissjonijiet.

Rat in-noti ta` sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta` Dicembru 2011 fejn laqghet it-talba tal-atturi ghall-kjamata fil-kawza ta` Maria Concetta sive` Cettina Carr, Mary Rose maghrufa bhala Rose Buhagiar u Theresa Muscat.

Rat in-nota bi tliet dokumenti li l-kjamati fil-kawza pprezentaw fil-21 ta` Dicembru 2011 (fol 242 sa fol 248).

Rat id-digriet taghha tat-31 ta` Jannar 2012 (fol 249 sa fol 251) fejn, wara li hadet konjizzjoni tan-nota bi tliet dokumenti li l-kjamati fil-kawza pprezentaw fil-21 ta` Dicembru 2011, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u dderigiet lill-partijiet sabiex fl-udjenza tal-31 ta` Jannar

2012 jesprimu ruhhom fil-miftuh dwar kif kien behsiehom jirregolaw ruhhom dwar l-istess nota tal-kjamati fil-kawza.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta` Frar 2012 .

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn, wara li semghet lid-difensuri tal-atturi u tal-konvenuti, halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi dwar l-ewwel eccezzjoni</u>**

Mar-risposta guramentata taghhom, il-konvenuti pprezentaw tliet dikjarazzjonijiet bil-miktub iffirmati rispettivament minn Teresa Muscat, Mary Rose Buhagiar u Maria Concetta sive` Cettina Carr datati t-tlieta 8 ta` Novembru 2010. It-tlieta li huma xehdu *viva voce* quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-10 ta` Ottubru 2011.

Fid-dikjarazzjoni taghha, **<u>Teresa Muscat</u>** tghid illi *jiena ma qabbadt lil hadd biex jaghmel kawza f`ismi … Kien gie hija Joseph Muscat li jiehu hsieb tan-naha taghna u talabni €22 each biex issir kawza kontra Nazzareno Muscat izda jien ma rridx – la li nhallas u lanqas li niftah kawza kontrih … il-kawza infethet xorta minghajr il-kunsens tieghi.* Tghid ukoll li *kien hemm okkazjoni fejn fethu kawza ohra kontra Nazzareno Muscat, fejn jiena qabbadt lill-Avukat Dr. Bernard Grech biex jassistini halli nohrog minn dik il-kawza.*

Meta xehdet *viva voce* in esami quddiem din il-Qorti, **<u>Teresa Muscat</u>** ikkonfermat id-dikjarazzjoni taghha tat-8 ta` Novembru 2010. Il-kitba kienet tal-Av. Tonio Azzopardi fuq li qaltlu hi u z-zewg firem kienu taghha.

Meta xehdet in kontroezami, **<u>Teresa Muscat</u>** qalet illi kien il-konvenut li qalilha biex tattendi l-Qorti ghall-udjenza tal-10 ta` Ottubru 2011. U kien hekk *bilfors jekk jien qeghda maghhom.* Id-dikjarazzjoni ghamlitha minn rajha *ghax ma ridtx inkompli.* <u>Ghal diversi drabi waqt ix-xhieda taghha, Teresa Muscat tghid *ma ridtx inkompli.*</u> Tghid illi kienet taf li l-kawza kienet saret ghaliex kien avvicinaha huha Joseph Muscat. Pero` hi ma rieditx li tinfetah il-kawza. Huha Joseph Muscat kien qalilha li kienu se jifthu l-kawza. U *jiena ghidtlu li ma rridx inkompli.* La riedet tohrog flus u lanqas tkompli fuq il-wirt. Flus minn fejn thallas ma kellhiex.

**<u>Teresa Muscat</u>** gharfet il-firma taghha fuq prokura favur Costantino Muscat li saret fil-11 ta` Gunju 1995 (DOK RA1) ghalkemm sostniet li l-indirizz taghha ma kienx 32, Mill Street, Zurrieq. Il-prokura saret biex issir kawza dwar il-wirt. Gharfet ukoll il-firma taghha fuq prokura ohra li saret fl-1 ta` Gunju 2005 (DOK RA2) . Tghid illi qabel saret il-kawza, lil Costantino Muscat ma qaltlux li dawk il-prokuri ma kienux jiswew aktar. Il-konvenut ma qalilha li skond hu, ma kellhiex sehem mir-razzett u lanqas hi ma staqsietu xejn. Pero` qalet – *jiena nista` li ma rridx inkompli jien ?*

Fid-dikjarazzjoni taghha, **<u>Mary Rose Buhagiar</u>** tghid illi *Moses Muscat, li jigi kugin tieghi, gie jhabbatli xi zmien ilu biex jastaqsini jekk hux ha nibqa` maghhom. Jiena ghidtlu "le".* L-istess saqsieha huha Joseph Muscat u cioe` *irridx inkompli maghhom* u hi wiegbet l-istess. Tghid illi l-kawza giet prezentata f`isimha minghajr il-permess jew kunsens taghha

Meta xehdet *viva voce* in esami quddiem din il-Qorti, **Mary Rose Buhagiar** ikkonfermat id-dikjarazzjoni taghha tat-8 ta` Novembru 2010. Il-kitba kienet tal-Av. Tonio Azzopardi fuq li qaltlu hi u l-firma kienet taghha.

Meta xehdet in kontroezami, **Mary Rose Buhagiar** qalet illi l-konvenut Muscat u martu marru maghha u maz-zewg hutha l-ohra Teresa u Cettina l-ohra ghand l-Av. Tonio Azzopardi l-ufficcju tieghu l-Belt pero` kienet wahedha meta ghamlet id-dikjarazzjoni lill-avukat. Meta kienet domandata min qalilha biex tmur ghand l-avukat ta` Nazzareno Muscat li kien kontra taghha fil-kawza, hija wiegbet – *m`ghandix idea* ghal darbtejn. Tghid illi *sa certu punt* ma kenitx taf illi l-Av. Azzopardi kien l-avukat ta` Nazzareno Muscat. Hija kienet taf illi kienet fil-kawza. Qabel saret il-kawza ma kenitx taf. Imbaghad wiegbet illi fil-bidu kienet accettat illi l-kawza ssir f`isimha wkoll *imma mbaghad iddejjaqt … ma ridtx inkompli.* Qabel saret il-kawza, kienet kuntenta li ssir il-kawza u wara *ddecidejt li ma nkomplix.*

Fid-dikjarazzjoni taghha, **Maria Concetta Carr** tghid illi hadd ma talab il-permess taghha biex issir il-kawza kontra Nazzareno Muscat anke f`isimha u lanqas hadd kien kellimha dwar dan. Sostniet illi ma rieditx li jkollha x`taqsam mal-kawza tant li *rrid inwaqqaf din il-kawza.*

Meta xehdet *viva voce* in esami quddiem din il-Qorti, **Maria Concetta Carr** ikkonfermat id-dikjarazzjoni taghha tat-8 ta` Novembru 2010. Il-kitba kienet tal-Av. Tonio Azzopardi fuq li qaltlu hi u l-firma kienet taghha.

Meta xehdet in kontroezami, **Maria Concetta Carr** qalet illi sa dakinhar ma kienet ghamlet xejn sabiex twaqqaf il-kawza. Hija kkonferma l-firma taghha fuq id-Dok RA2. Qabel saret il-kawza, hija kienet *bejn iva u bejn le* ssirx il-kawza. Saret taf bil-kawza wara li saret ghaliex hija mbaghad kienet imsiefra. Pero` kienet taf illi l-kawza

sejra ssir. Wara li l-kawza kienet lahqet saret, ma baqghetx aktar interessata illi tkompli. Tghid hekk – *Speci mill-ewwel hekk imbaghad is-sena l-ohra x`hin rajt li ha jdumu insomma jgebbdu, ghidtilhom m`iniex interessata izjed.* Gara li ma riditx tkompli minn sena qabel. U qalet b`dan lil huha Joseph Muscat meta l-kawza kienet diga` miftuha. Anke lil Nazzareno Muscat qalet b`dan.

Fuq insistenza tal-Qorti, ix-xhud ikkonfermat illi fil-bidu kienet kuntenta li ssir il-kawza, imbaghad ghax kienet gejja bit-tul ma rieditx tkompli l-kawza u baqghet tal-istess fehma.

**<u>L-atturi Costantino Muscat</u>** xehdu illi hadd mill-persuni li kienu taw l-kunsens taghhom bil-miktub biex issir il-kawza ma kien irrevoka dak il-kunsens inkluzi Teresa Muscat, Mary Rose Buhagiar u Maria Concetta Carr.

**<u>L-attur Joseph Muscat</u>** xehed illi Muscat, Buhagiar u Carr ma riedux ihallsu l-flus biex issir il-kawza u ghalhekk is-sehem taghhom hargu hu. Hadd minnhom ma qallu illi l-kawza ma rieduhiex issir u lanqas ma qalulu illi ma riedux ikomplu bil-kawza. Li qalu lilu kien illi jhallsu wara li l-affarijiet jitrangaw.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Risultanzi</u>

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti tghid hekk –

*Preliminarjament, illi mhux minnu li Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr taw l-inkarigu lil Costantino Muscat jew lil Joseph Muscat jew lil xi*

*avukat biex jinghatu ittra ufficjali bhal dik tal-21 ta` Ottubru 2010 jew biex jifthu l-kawza kontra l-esponent Nazzareno Muscat – u dan kif jirrizulta mill-annessi tliet (3) dikjarazzjonijiet maghmula mill-imsemmija Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr. Ghalhekk, dina l-kawza saret abbuzivament u llegalment.*

Mill-provi jirrizulta minghajr l-icken dubju li l-eccezzjoni hija nfondata ghar-ragunijiet li gejjin –
.

1) Fil-11 ta` Gunju 1995, Teresa Muscat u ohrajn taw prokura lil Costantino Muscat (DOK RA1) *for the better administration and management of any immovable property or other moveable effectys deriving from the inheritance of Gianni Muscat, son of Salvatore and Carmela nee` Grixt and of Angela Muscat nee` Vella daughter of Francesco Vella and Francesca nee` Saliba, both deceased, as per testament of the 17$^{th}$ January 1957 in the acts of Dr. Nicola Said.* Fost is-setghat moghtija lill-mandatarju kien hemm dak *to stand in judgement either as plaintiff or defendant in our name …*

2) Ma jirrizultax illi Teresa Muscat irrevokat dik il-prokura.

3) Fl-1 ta` Gunju 2005, Teresa Muscat, Mary Rose Buhagiar u Maria Concetta Carr accettaw bil-mitkub (DOK RA2) illi jekk il-kwistjoni tal-wirt tibqa` rrisolta *l-ahhar soluzzjoni tkun li nipprocedu bil-qorti.*

4) Ma jirrizultax illi l-imsemmija Muscat, Buhagiar u Carr regghu lura minn dak li kienu ffirmaw ghalih.

5) Fil-kaz tat-tlieta li huma, u cioe` tal-imsemmija Muscat, Buhagiar u Carr, jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi dak li huma ddikjaraw bil-miktub fit-8 ta`

Novembru 2010 quddiem l-Av. Dr. Tonio Azzopardi m`ghandux mis-sewwa, u ghalhekk din il-Qorti sejra tiskarta ghal kollox id-dikjarazzjoni taghhom, anke jekk fil-bidu li xehdu *viva voce* quddiem il-Qorti fl-10 ta` Ottubru 2011 huma kkonfermaw dik id-dikjarazzjoni.

6) Din il-Qorti sejra taghti affidament ghal dak li t-tlieta xehdu quddiemha in kontroezami, ghax dak ghandu mis-sewwa, distakkati kif kienu minn dak illi kwazi sena qabel kienu ddikjaraw taht bil-firma taghhom.

7) Specifikament ghall-fini tal-eccezzjoni de qua, din il-Qorti tghid illi mhuwiex rilevanti min qal lit-tliet persuni biex jattendu halli jixhdu quddiem il-Qorti fl-10 ta` Ottubru 2011, jew jekk kienux il-konvenut Nazzareno Muscat u martu li haduhom ghand l-avukat tal-imsemmija konjugi Muscat, jew ir-raguni ghala t-tlieta ma riedux ikomplu bil-kawza.

8) Mill-evidenza tat-tliet persuni, hija manifesta r-rieda taghhom illi, jekk ghal raguni jew jekk ghal ohra, ma jkomplux bil-kawza tal-lum. Fl-istess waqt dak ma jfissirx illi meta kienet istitwita l-kawza ma kienx hemm ir-rieda taghhom ukoll illi jsir hekk.

9) Fil-kaz ta` Teresa Muscat mhijiex verosimili r-resistenza taghha li taccetta li saret taf bil-kawza wara li kienet diga` istitwita mhux qabel. Fil-kwistjoni kollha, cara kienet il-prijorita` taghha illi ma tinkorrix spejjez ghaliex flus minn fejn thallas ma kellhiex. Ghalhekk insistiet li *ma rridx inkompli.*

10) Fil-kaz ta` Mary Rose Buhagiar, hemm konflitt car u inekwivoku bejn dak li stqarret mal-Av. Azzopardi u dak li xehdet viva voce u in kontroezami quddiem il-Qorti. Infatti taccetta illi fil-bidu kien hemm l-adezjoni taghha illi l-

kawza ssir f`isimha wkoll. Pero` mbaghad tghid - *imma mbaghad iddejjaqt … ma ridtx inkompli.*

11) L-istess ighodd fil-kaz ta` Maria Concetta Carr. Taccetta l-fatt illi kienet taf illi l-kawza sejra ssir. Pero` tafferma wkoll illi, fil-fehma taghha, dehrilha li l-kawza kienet sejra tiehu fit-tul iddecidiet illi ma tkomplix. Din il-Qorti trrileva illi fuq insistenza taghha, ix-xhud ikkonfermat illi fil-bidu kienet kuntenta li ssir il-kawza, imbaghad ghax kienet gejja bit-tul ma rieditx tkompli l-kawza u baqghet tal-istess fehma.

12) Mela ladarba rrizulta kjarament li meta saret il-kawza de qua kien hemm il-kunsens tal-imsemmija Muscat, Buhagiar u Carr., l-eccezzjoni ma tistax tregi, anke jekk in segwitu, kemm jekk ghal raguni kemm jekk ghal ohra, it-tlieta li huma rega` bdielhom u ddecidew illi ma jkomplux bil-kawza. Dan tal-ahhar fatt ben manifest ma jaghti l-ebda sostenn, kemm fil-fatt kif uoll fid-dritt, ghall-eccezzjoni de qua.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Nazzareno sive` Reno u Anna konjugi Muscat, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------